# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)

**MAĠISTRAT**
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta' nhar il-Ġimgħa, 10 ta' Mejju 2024**

**Avviż Nru: 11/2024**
**Nru fuq il-Lista: 3**

**GMF Precast Limited (C11521)**

**vs**

**Daryl Borg (K.I. 250086M)**

**Il-Qorti;**

Rat l-Avviż tas-soċjetá attriċi mressqa fit-18 ta' Jannar 2024[1], flimkien mad-dokumenti hemm annessi, permezz ta' liema talbet li l-konvenut jiġi ikkundannat iħallasha l-ammont ta' sebat elef, mitejn u tmienja u erbgħin Ewro u tlieta u tmenin ċenteżmu (€7,248.83ċ). Ġie *ad litteram* premess u mitlub li l-konvenut iħallas:

> *lis-socjetà rikorrenti s-somma ta' seba' t'elef mitejn u tmienja u erbgħin Ewro u tlieta u tmenin centezmu tal-Ewro (€7,248.83) bħala bilanċ tal-ħlas*

[1] A fol 1 tal-proċess.

*dovut minnek għas-servizzi provduti lilek mis-soċjetà rikorrenti hekk kif jidher mill-Invoices annessi u mmarkati bħala 'Dok GMF 1' u 'Dok GMF 2'.*

*Illi dawn is-servizzi jikkonċernaw xoghlijiet ta' forniment ta' pre stressed concrete slabs ghall-konvenut u ghal liem xogholijiet gew mahruga zewg invoices datati 21 ta' Frar 2023 u 1 ta' April 2023 rispettivament;*

*Illi għalkemm il-konvenut ġie avżat kemm il-darba sabiex iħallas dan l-bilanċ, anke permezz ta' ittra legali (hawn annessa u mmarkata bhala 'Dok GMF 3') kif ukoll ittra ufficjali mibghuta ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap 12 (hawn annessa u mmarkata bhala 'Dok GMF 4'), huwa baqa' inadempjenti tant li kellha ssir din il-kawża. Għaldaqstant, is-soċjetà rikorrenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tordna lill-konvenut iħallas l-ammont ta' seba' t'elef mitejn u tmienja u erbgħin Ewro u tlieta u tmenin centezmu tal-Ewro (€7,248.83) rapprezentanti dejn li huwa cert, likwidu u dovut minnu. Bl-ispejjez, inkluz tal-ittra ufficjali bin-numru 2644/2023 u tal-mandat kawtelatorju li qieghed jigi pprezentat kontestwalment (hawn anness u mmarkat bhala 'Dok GMF 5'), u bl-imghax legali kkalkulat mid-data relattiva indikata fl-Invoices suriferiti sad-data tal-pagament effettiv.*

Rat id-digriet tagħha tad-18 ta' Jannar 2024[2].

Rat dak li seħħ fis-seduta tal-11 ta' Marzu 2024[3], fejn għad li l-konvenut kien ġie debitament notifikat, huwa naqas milli jħejji risposta jew jidher fl-istess seduta. Dakinhar il-kawża ġiet differita għall-provi kollha.

---

[2] A fol 16 tal-proċess.

[3] Verbal relattiv jinsab a fol 23 tal-proċess.

Rat in-nota tas-soċjetà attriċi mressqa fil-21 ta' Marzu 2024[4], fejn ġie anness affidavit ta' Maria Brincat.

Rat dak li seħħ fis-seduta tal-4 ta' April 2024 fejn il-konvenut reġa' għażel li ma jidhirx. Dakinhar il-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti proċesswali kollha.

## Ikkunsidrat

Illi kif ġie indikat mill-*iter* proċesswali hawn fuq riprodott, il-konvenut għażel li ma jweġibx formalment għal din l-azzjoni u lanqas irreġistra dehra fihom.

Illi f'din l-azzjoni, s-soċjetà attriċi qiegħda titlob il-ħlas tal-ammont ta' sebat elef mitejn tmienja u erbgħin Ewro u sitta u tmenin ċenteżmu (€7,248.86) għax-xogħol imwettaq minnha kif sostanzjat bil-fatturi relattivi. Huwa aċċettat li l-oneru tal-prova dwar xi kreditu jibqa' dejjem fuq spallejn min jallega l-istess, u sakemm l-attur ma jippruvax li l-konvenut huwa d-debitur tiegħu, dan tal-aħħar ma jaħtix għal dan in-nuqqas[5]. Jekk l-attur mbagħad jipprova tali kreditu, l-piż

---

[4] Nota relattiva tinsab a fol 24 tal-proċess.

[5] Fost oħrajn, jiġi senjalat dak raġunat fis-sentenza fl-ismijiet **<u>360 Retail Supplies Limited vs Maged Fawzy Shokry Iskandar *et,*</u>** (Rik Nru: 1174/19/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar is-27 ta' April 2023, fejn fost affarijiet oħra ġie mfakkar hekk: *"Din il-Qorti tqis li, fl-ewwel lok, skont il-prinċipji tal-liġi dwar l-evidenza u dwar kif għandu jitqassam il-piż tal-provi, jaqa' fuq il-kreditur li jagħti prova tajba biżżejjed tal-eżistenza tal-kreditu li dwaru huwa jkun fetaħ il-kawża (ara Carmelo Zammit et v. Emanuele Galea et, Appell Superjuri, 27 ta' Frar, 2003 u Maria Stella Calleja v. Brian Degiorgio, Appell Superjuri, 17 ta' Marzu, 2022). Dan għaliex l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss lil min jallegah (ara l-Artikolu 562 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta) u għalhekk sakemm lattur ma jippruvax li l-konvenut huwa d-debitur tiegħu, il-piż tal-prova jibqa' mixħut fuq l-attur (ara Joseph Camilleri v. Emanuel Calleja, Appell Inferjuri, 20 ta' Jannar, 2003). Tassew, jekk l-attur ma jirnexxilux jipprova dak li jallega, il-konvenut m'għandux ibati minn dan in-nuqqas, u dan*

tal-prova jdur fuq id-debitur sabiex jipprova xi ċirkostanzi jew difiżi li jista' jqanqal sabiex jinħeles mill-obbligazzjoni tal-kundanna tal-ħlas[6].

Illi mix-xhieda mressqa mis-soċjetà attriċi u mill-provi dokumentarji mressqa, din il-Qorti ssib li l-azzjoni ġiet ipprovata b'mod komplet. Naturalment, il-fatt li l-konvenut naqas milli jipprova xi forma ta' difiża ma tistax tkun ħaġa t'għajnuna għalih. Wara kollox, *qui culpa sua damnum sentit, non videtur sentire*[7]. Kien fl-interess tiegħu li jkun attiv f'dan il-proċeduri.

Għaldaqstant, il-Qorti qiegħda tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talba tas-soċjetà attriċi u tikkundanna lill-konvenut jħallas lis-soċjetà attriċi l-ammont ta' sebat elef, mitejn u tmienja u erbgħin Ewro u tlieta u tmenin ċenteżmu (€7,248.83ċ), bl-imgħax legali fuq l-ammont ta' sitt elef, erba' mija u tnejn u erbgħin Ewro u tmienja u sebgħin ċenteżmu (€6,442.78ċ) mill-21 ta' Frar 2023[8] u bl-imgħax legali fuq l-ammont rimanenti ta' tmien mija u sitt Ewro u ħames ċenteżmi (€806.05ċ) mill-11 ta' April 2023[9], sad-data tal-pagament effettiv.

---

*sewwasew skont il-prinċipju actore non probante reus absolvitur (ara Angelo Xuereb nomine v. Godwin Migneco et nomine, Appell Superjuri, 18 ta' Lulju, 2017);"*

[6] Issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Richard Attard *et* vs Mark Anthony Barbara,** (Rik Nru: 1116/2016/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar il-11 ta' April 2024. Hija wkoll ta' interess is-sentenza fl-ismijiet **Maria Stella Calleja vs Brian Degiorgio,** (Rik Nru: 691/14/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar is-17 ta' Marzu 2022.

[7] *"Chi subisce un danno per propria colpa, non si considera averlo subito."* – Brocard 3983, **Dizionario Dei Termini Giuridici e Dei Brocardi Latini**, Edoardo Mori, VII ediz, 2011, a fol 37.

[8] Data ta' meta nbatgħet il-fattura relattiva skond kif jemerġi mill-korrispondenza elettronika a fol 26 tal-proċess u dan skond dak li jrid l-artikolu 1141(1) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, ġaladarba l-Qorti ma ssibx li jgħodd il-Kapitolu 13 tal-Liġijiet ta' Malta għaliex m'huwiex qiegħed iqis il-konvenut bħala kummerċjant.

[9] Data ta' meta nbatgħet il-fattura relattiva skond kif jemerġi mill-korrispondenza elettronika a fol 28 tal-proċess għarraġunijiet imfissra fin-notament ta' qabel.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri u tal-ittra uffiċjali bin-numru 2644/2023, iżda mhux tal-mandat ta' sekwestru msemmi fl-Avviż[10], jitħallsu mill-konvenut.

**Dr Joseph Gatt LL.D.**
Maġistrat

**Annalise Spiteri**
Deputat Reġistratur

[10] Ma ġietx imressqa kopja tal-mandat u lanqas ingħata tagħrif biżżejjed dwaru.